MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1278/2014

**Kumpilazzjoni Nru: 1278/14**

**Il-Pulizija**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**

**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Aklah Kassim**

**Passaport Sirjan 008500590**

**Illum 23 ta' Dicembru, 2014.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Aklah Kassim ta' 33 sena ta' Nazzjonalita' Sirjana imwieled f'Homs, is-Sirja, fl-1 ta' Jannar, 1981, iben Mhmad u Azeza, residenti Blk 16, Flat 1, Triq il-Parrocca, Santa Venera, detentur tal-Passaport Sirjan 008500590;

Akkuzat talli fit-12 ta' Novembru, 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport, u f'Permess ghar-Residenza jew uza jew kellhu fil-pusses tieghu d-dokumenti msemmija li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'ismu stess bin-numru GR4596915 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika id-dokumenti msemmija, jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi partikolarment Kapitolu 61, Artikolu 5, Kapitolu 217, Artikolu 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Semghet il-konferma da parti ta’ l-akkuzat ta’ tali ammissjoni, wara li taghtu z-zmien sabiex jirrikonsidraha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena;

Fhemet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-fatt li l-akkuzat kellu dritt jidhol f’ Malta stante li kien gia registrat ma’ l-Awtoritajiet Maltin bhala refugjat fuq bazi umanitarja, izda ma setghax jidhol bid-dokument mahrug mill-Grecja peress illi dana kien falz;

Rat illi fil-passaport ezebit mill-Prosekuzzjoni il-*Visa* mahruga mill-Grecja issa giet kancellata u ghalhekk mhix iktar utilizzabbli;

Fic-cirkostanzi filwaqt li ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti qieghdha tikkundannah piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi a tenur ta’ l-Art 28 A tal-Kap. 9 ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti qieghdha tordna wkoll li l-passaport jigi ritornat lill-akkuzat seduta stante.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------